(h) adotta d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, irrispetta wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u ġġieled kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali***, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà intelettwali***;	(h) *jadotta* d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, *jirrispetta* wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u *jiġġieled* kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

Or. fr

Emenda 45
Stavros Lambrinidis

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt h

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
h) adotta d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, irrispetta wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u	h) *jadotta* d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali***, wara evalwazzjoni skont ir-riċerka kontemporanja ta' innovazzjoni tal-estent sa fejn dan ikun meħtieġ u proporzjonali, u*** filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-

ġġieled kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà intelettwali;	infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, *jirrispetta* wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u *jiġġieled* kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà *intellettwali*;
	Or. en

Emenda 46
Bill Newton Dunn

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt h

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
h) adotta d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop ***jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet*** fuq l-Internet ***tal-utenti kollha***, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, ***irrispetta*** wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u ***ġġieled kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà intelettwali***;	h) *jadotta* d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop ***jiġu skuraġġuti attivitajiet illegali u t-tixrid ta' kontenut dannuż minn utenti*** fuq l-Internet, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, ***joħloq bilanċ*** wkoll ***bejn*** il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u ***r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-oħrajn, kif ukoll il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju tal-proporzjonalità***;
	Or. en

Emenda 47
Eva-Britt Svensson

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt h

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
h) adotta d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, irrispetta wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u ġġieled kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà intelettwali;	h) ***jevalwa, skond ir-riċerka kontemporanja tal-innovazzjoni, il-ħtieġa li tadotta*** d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, *jirrispetta* wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u *jiġġieled* kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà *intellettwali*;

Or. en

Emenda 48
Alexander Alvaro

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt i

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
i) agħmel li jiġi żgurat li l-espressjoni ta' twemmin politiku kontroversjali permezz tal-Internet, inkluża dik dwar terroriżmu, ma tkunx suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 49
Jean-Marie Cavada

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt i

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(i) agħmel li jiġi żgurat li l-espressjoni ta' twemmin politiku kontroversjali permezz tal-Internet, inkluża dik dwar terroriżmu, ma tkunx suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 50
Rareş-Lucian Niculescu, Alexandru Nazare

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 punt i

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(i) agħmel li jiġi żgurat li l-espressjoni ta' twemmin politiku kontroversjali permezz tal-Internet, inkluża dik dwar terroriżmu, ma tkunx suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali;	***imħassar***

Or. ro

Emenda 51
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt (i)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(i) agħmel li jiġi żgurat li ***l-espressjoni*** ta' twemmin politiku kontroversjali permezz tal-Internet***, inkluża dik dwar terroriżmu, ma tkunx*** suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali;	(i) *jagħmel* li jiġi żgurat li ***l-espressjonijiet*** ta' twemmin ***jew opinjonijiet*** *politiċi* kontroversjali permezz tal-Internet***, sakemm huma inklużi fil-qafas tal-liġi tal-UE u l-liġi nazzjonali, ma jkunux*** *suġġetti* għal prosekuzzjoni kriminali;

Or. sv

Emenda 52
Sarah Ludford

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt i a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ia) jagħmel li jkun żgurat li ma jkunx hemm liġijiet jew prattiċi li jirrestringu jew jinkriminalizzaw id-dritt tal-ġurnalisti u tal-midja li jiġbru u jqassmu informazzjoni għal skopijiet ta' rappurtaġġ;

Or. en

Emenda 53
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt i a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ia) jagħmel li jkun żgurat li ma jkunx hemm liġijiet jew prattiċi li jirrestringu jew jinkriminalizzaw id-dritt tal-ġurnalisti u tal-midja li jiġbru u jqassmu informazzjoni għal skopijiet ta' rappurtaġġ;

Or. en

Emenda 54
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt j

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
j) ikkunsidra li l-"identità diġitali"	j) *jikkunsidra* li l-"identità diġitali" qiegħda

qiegħda aktar ma tmur issir parti integrali ta' "aħna min aħna" u f'dan l-aspett jixirqilha li titħares b'mod adegwat u effettiv kontra l-intrużjoni ta' atturi kemm privati kif ukoll pubbliċi; agħti konsiderazzjoni xierqa għall-anonimità, il-psedonominità u l-kontroll rigward privatezza fil-flussi ta' informazzjoni u għall-fatt li l-utenti għandhom jingħatawlhom mezzi biex jipproteġuha b'mod effiċjenti;	aktar ma tmur issir parti integrali ta' "aħna min aħna" u f'dan l-aspett jixirqilha li titħares b'mod adegwat u effettiv kontra l-*indħil* ta' atturi kemm privati kif ukoll pubbliċi ***–għalhekk, is-sett ta' dejta partikolari li hija organikament konnessa mal-"identità diġitali" ta' individwu għandha tkun definita u protetta, u l-elementi kollha tagħha għandhom ikunu kkunsidrati bħala drittijiet inaljenabbli personali, mhux ekonomiċi u mhux negozjabbli***; ***jikkunsidra li l-utenti tal-Internet għandhom ikunu mħarrġa sabiex jużaw bosta identitajiet fuq l-Internet (anonimi, psewdonomi jew identitajiet reali) sabiex jissalvagwardaw l-anonimità tagħhom u jifirdu l-informazzjoni kif xieraq;*** *jagħti* konsiderazzjoni xierqa għall-anonimità, il-*psewdonomità* u l-kontroll rigward privatezza fil-flussi ta' informazzjoni u għall-fatt li l-utenti għandhom jingħatawlhom***, u jkunu mħarrġa dwar, il-*** mezzi biex jipproteġuha b'mod effiċjenti ***e.ż. permezz ta' diversi Teknoloġiji li Jtejbu l-Prinvatezza (PETs);***
	Or. en

Emenda 55
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt (ja) (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	(ja) jagħmel li jkun żgurat li Stati Membri li jinterċettaw u jissorveljaw it-traffiku tad-dejta, indipendentement minn hekk dan japplikax għaċ-ċittadini tagħhom stess jew traffiku ta' dejta minn barra, li jseħħ fit-territorju tagħhom, jemendaw il-liġijiet tagħhom u jirrispettaw il-prinċipju li għandu jkun possibbli biss li tintuża interċettazzjoni tat-traffiku ta' dejta meta jkun hemm sentenza tal-qorti li

tikkonċerna suspett raġonevoli ta' attività kriminali, periklu ċar għas-sigurtà tal-persuni jew theddid ġenwin għal soċjetà demokratika miftuħa;

Or. sv

Emenda 56
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt k

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
k) agħraf il-periklu ta' forom ta' sorveljanza u kontroll tal-Internet li jkollhom ukoll l-iskop li jiċċekkjaw kull pass "diġitali" li jagħti l-individwu bl-iskop li jinbena profil tal-utent u li jingħataw "punti"; agħmel ċar il-fatt li tekniki bħal dawn għandhom dejjem jiġu evalwati f'termini tan-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom fid-dawl tal-objettivi li jkollhom l-iskop li jilħqu; enfasizza wkoll il-ħtieġa għal għarfien imsaħħaħ u kunsens infurmat tal-utenti rigward l-e-attivitajiet tagħhom(pereżempju - il-każ tan-netwerks soċjali);	k) *jagħraf* il-periklu ta' ***ċerti*** forom ta' sorveljanza u kontroll tal-Internet li jkollhom ukoll l-iskop li jiċċekkjaw kull pass "diġitali" li jagħti l-individwu bl-iskop li jinbena profil tal-utent u li jingħataw "punti"; *jagħmel* ċar il-fatt li tekniki bħal dawn għandhom dejjem jiġu evalwati f'termini tan-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom fid-dawl tal-objettivi li jkollhom l-iskop li jilħqu; *jenfasizza* wkoll il-ħtieġa għal għarfien imsaħħaħ u kunsens infurmat tal-utenti rigward l-e-attivitajiet tagħhom ***li jinvolvu t-tqassim ta' dejta personali bejniethom*** (pereżempju - il-każ tan-netwerks soċjali);

Or. en

Emenda 57
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt k a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ka) jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu lista tal-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpanniji privati kollha li jużaw

sorveljanza tal-internet u joħorġu rapport annwali pubblikament aċċessibbli dwar is-sorveljanza tal-internet, b'hekk jiżguraw trasparenza; dan ir-rapport annwali għandu jkun użat fl-evalwazzjoni ta' jekk sorveljanza tal-internet hix effettiva fit-termini tal-iskop li għalih kienet stabbilita;

Or. en

Emenda 58
Tatjana Ždanoka

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt k a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ka) jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li tiftix remot, jekk provdut mil-liġi nazzjonali, ikun imwettaq fuq il-bażi ta' mandat ta' tfittxija validu maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji; jinnota li proċeduri simplifikati għat-twettiq ta' tiftix remot meta mqabbel ma' tiftix dirett mhuwiex aċċettabbli, peress li jikser l-istat tad-dritt u d-dritt għal privatezza;

Or. en

Emenda 59
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt l

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
l) eżamina u ppreskrivi limiti għall-"kunsens" li jista' jiġi mitlub jew meħud mill-utenti, kemm minn gvernijiet jew ukoll minn kumpaniji privati, li	l) *jeżamina* u *jippreskrivi* limiti għall-"kunsens" li jista' jiġi mitlub jew meħud mill-utenti, kemm minn gvernijiet jew ukoll minn kumpaniji privati, li

jnaqqaslhom parti mill-privatezza tagħhom, għaliex hemm żbilanċ ċar ta' poter ta' negozjar u ta' għarfien bejn l-utenti individwali u istituzzjonijiet bħal dawn;	*jnaqqasilhom* parti mill-privatezza tagħhom, għaliex hemm żbilanċ ċar ta' poter ta' negozjar u ta' għarfien bejn l-utenti individwali u istituzzjonijiet bħal dawn; ***il-kunsens tal-individwu għandu jkun infurmat u mogħti liberalment;***

Or. en

Emenda 60
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Punt m

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
m) illimita b'mod strett il-każijiet li fihom kumpanija privata tal-Internet tista' tkun mistennija li tikxef dejta lill-awtoritajiet governattivi;	m) *jillimita, jiddefinixxi* ***u jirregola*** b'mod strett il-każijiet li fihom kumpanija privata tal-Internet tista' tkun mistennija li tikxef dejta lill-awtoritajiet governattivi***, jagħmel li jkun żgurat li l-użu ta' dawk id-dejta mill-awtoritajiet tal-gvern ikun suġġett għall-istandards ta' protezzjoni ta' dejta l-iktar stretti***;

Or. en

Emenda 61
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt (m)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(m) illimita b'mod strett il-każijiet li fihom kumpanija privata tal-Internet tista' tkun mistennija li tikxef dejta lill-awtoritajiet governattivi;	(m) *jillimita* b'mod strett il-każijiet li fihom kumpanija privata tal-Internet tista' tkun mistennija li tikxef dejta lill-awtoritajiet governattivi ***u jinvestiga kif kontroll u evalwazzjoni jistgħu jkunu operati u żviluppati;***

Or. sv

Emenda 62
Alexander Alvaro

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt m a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ma) jaħdem lejn l-istabbiliment ta' dritt tal-utenti tal-Internet li jitolbu t-tħassir permanenti tad- dejta personali tagħhom allokata fuq siti elettroniċi tal-Internet jew fi kwalunkwe mezz ta' ħażna ta' terza persuna. Huwa ta' importanza kbira li jkun rikonoxxut li dik id- dejta personali, indipendentement minn fejn tkun maħżuna, hija l-proprjetà fundamentali tas-suġġett tad- dejta u li l-punt ta' referenza għandu jkun il-punt ta' użu u mhux il-punt ta' ħażna;

Or. en

Emenda 63
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt (n)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(n) ikkundanna ċensura ***imposta*** mill-gvern ta' ***kontenut li dwaru jista' jsir tkixxif fuq siti tal-Internet,*** b'mod speċjali meta restrizzjonijiet bħal dawn jista' jkollhom l-"effett li jiffriża" ***d-diskors politiku***;	(n) *jikkundanna* ċensura ***u mblokkar inizjati*** mill-gvern ta' ***kontenut tal-Internet,*** b'mod speċjali meta restrizzjonijiet bħal dawn jista' jkollhom l-"effett li jiffriża" ***l-iskambju demokratiku ta' informazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-ġlieda kontra kriminalità serja fuq l-Internet***;

.

Or. sv

Emenda 64
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt o

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
o) itlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***d-diskors tal-individwi***;	o) *jitlob* lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***l-aspetti kollha tal-libertà tal-kelma***;

Or. en

Emenda 65
Stavros Lambrinidis

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt o

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
o) itlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***d-diskors tal-individwi***;	o) *jitlob* lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***l-aspetti kollha tal-libertà tal-kelma***;

Or. en

Emenda 66
Sarah Ludford

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt o

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
o) itlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***d-diskors tal-individwi***;	o) *jitlob* lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***l-aspetti kollha tal-libertà tal-kelma***;

Or. en

Emenda 67
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt o

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
o) itlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***d-diskors tal-individwi***;	o) *jitlob* lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" ***d-diskors tal-individwi u l-aspetti kollha tal-libertà tal-kelma***;

Or. en

Emenda 68
Jules Maaten, Jeanine Hennis-Plasschaert,

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt o a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	oa) jagħmel li jkun żgurat li kumpaniji tal-UE li jipprovdu servizz ta' hosting tal-kontenut tal-Internet ma jiżvelaw lil ebda

uffiċjal barrani kwalunkwe informazzjoni li tidentifika personalment utent partikolari ta' dan is-servizz ta' hosting tal-kontenut, minbarra għal skopijiet leġittimi ta' infurzar tal-liġi barranija skond id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. en

Emenda 69
Nicolae Vlad Popa,

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt p

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
p) iġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iżvilupp tal-"Internet tal-affarijiet" m'għandux jipprova jevita l-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet taċ-ċittadini;	p) *jiġbed* l-attenzjoni għall-fatt li l-iżvilupp tal-"Internet tal-affarijiet" ***u l-użu tas-sistemi tal-RFID*** m'għandux jipprova jevita l-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 70
Urszula Gacek

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt p a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	pa) jitlob lill-Istati Membri biex japplikaw b'mod korrett id-Direttiva 95/46/KE dwar id-dejta personali fir-rigward tal-Internet; ifakkar lill-Istati Membri li din id-Direttiva, speċjalment l-Artikolu 8, tapplika indipendentement mit-teknoloġija użata għall-ipproċessar tad-dejta personali u d-dispożizzjonijiet tagħha jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju

u kumpens għall-ksur tagħhom (Artikoli 22, 23, u 24);

Or. en

Emenda 71
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
q) inkoraġġixxi l-promozzjoni tal-prinċipju "privacy by design" li permezz tiegħu r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta għandhom jiddaħħlu kemm jista' jkun malajr fiċ-ċiklu ta' ħajja ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda;	q) *jinkoraġġixxi* ***l-inkorporazzjoni ta' prinċipji fundamentali tal-"Internet Bill of Rights" fil-proċess ta' riċerka u żvilupp ta' strumenti u applikazzjonijiet li jirrigwardaw l-Internet u*** l-promozzjoni tal-prinċipju "privacy by design" li permezz tiegħu r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta għandhom jiddaħħlu kemm jista' jkun malajr fiċ-ċiklu ta' ħajja ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda***, filwaqt li jassiguraw liċ-ċittadini ambjent xieraq għall-utent***;

Or. en

Emenda 72
Stavros Lambrinidis

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qa) jappoġġja u jitlob l-involviment attiv tas-Superviżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fl-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni Ewropea li tittratta attivitajiet tal-Internet b'impatt potenzjali fuq il-protezzjoni tad-dejta;

Or. en

Emenda 73
Kathalijne Maria Buitenweg

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qa) jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistudjaw fil-fond il-problemi ta' serq ta' identità u frodi b'koperazzjoni kemm ma' fornituri tas-servizz tal-Internet kif ukoll ma' organizzazzjonijiet tal-utenti, kif ukoll l-awtoritajiet tal-pulizija li jittrattaw kriminalità relatata mal-IT, u jippreżentaw proposta dwar kif joħolqu kampanji ta' għarfien u jipprevjenu din il-kriminalità, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw li l-użu tal-Internet ikun sikur u b'xejn għal kulħadd;

Or. en

Emenda 74
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qa) isemmi li n-natura globali u wiesgħa tal-Internet tirrikjedi standards globali għal protezzjoni tad- dejta, sigurtà u libertà tal-kelma; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu l-inizjattiva għal pjattaforma globali għat-tfassil ta' dawn l-istandards;

Or. en

Emenda 75
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q b (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qb) jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq studju fil-fond tal-aspetti ta' privatezza tar-riklamar online;

Or. en

Emenda 76
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q c (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qc) huwa mħasseb dwar id-differenzi li dejjem iżidu fl-istandards tal-protezzjoni tad- dejta, peress li dejta personali minn sors uniku tista' tkun suġġetta għal regoli iktar stretti jew inqas stretti, skond l-iskop u l-attur (kummerċjali/privat jew ta' infurzar tal-liġi/pubbliku);

Or. en

Emenda 77
Sophia in 't Veld

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt q d (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	qd) jissuġġerixxi li l-protezzjoni tad- dejta għandha ssir ir-responsabiltà ta' DG tal-Kummissjoni futur għad-Drittijiet

Fundamentali, jew alternattivament, ta' DG tas-Suq Intern u Affarijiet tal-Konsumatur;

Or. en

Emenda 78
Alexander Alvaro

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt r a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ra) juża Anness I ("Bill of Rights fuq l-Internet") bħala bażi għall-kunsiderazzjoni tiegħu kif ukoll f'rabta mal-obbligazzjonijiet internazzjonali tiegħu;

Or. en

Emenda 79
Stavros Lambrinidis

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt s a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	sa) jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżoluzzjoni dwar il-bżonn urġenti għall-protezzjoni tal-privatezza f'dinja mingħajr fruntieri, u sabiex tintlaħaq Proposta Konġunta għat-twaqqif ta' Standards Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza u ta' Dejta Personali tat-30 Konferenza Internazzjonali tal-Protezzjoni tad-Dejta u Kummissarji tal-Privatezza li nżammet fi Strasburgu, f'Ottubru 2008; iħeġġeġ lill-partijiet interessati kollha tal-UE (pubbliċi kif ukoll privati) biex jinvolvu ruħhom f'din ir-riflessjoni;

Or. en

Emenda 80
Stavros Lambrinidis

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt s b (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	sb) jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' E-agora reali tal-Internet fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni jista' jkollhom diskussjoni iktar interattiva ma' min jagħmel il-politiki u partijiet interessati istituzzjonali oħra;

Or. en

Emenda 81
Alexander Alvaro

Proposta għal rakkomandazzjoni
Anness (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	ANNESS
	Bill of Rights fuq il-Internet
	Fil-kuntest tal-Internet, id-drittijiet li ġejjin għandhom b'mod partikolari jkunu rispettati, osservati u promossi:
	Artikolu 1
	Id-dinjità tal-bniedem
	Id-dinjità tal-bniedem ma tistax tkun miksura. Għandha tkun rispettata u protetta.
	Artikolu 2
	Rispett għall-ħajja privata u tal-familja
	Kulħadd għandu d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu, tad-dar u l-komunikazzjonijiet tiegħu jew tagħha.

Artikolu 3

Protezzjoni ta' dejta personali

Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tad- dejta personali tiegħu jew tagħha. Kulħadd għandu d-dritt għall-kunfidenzjalità u l-integrità ta' sistemi ta' teknoloġija ta' informazzjoni.

Artikolu 4

Libertà ta' espressjoni u informazzjoni

1. Kulħadd għandu d-dritt għal libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt għandu jinkludi l-libertà li jkollok opinjonijiet u li tirċievi u tagħti informazzjoni u ideat mingħajr interferenza minn awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.
2. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja għandha tkun rispettata.

Artikolu 5

Libertà tal-arti u x-xjenza

Ir-riċerka tal-arti u xjentifika għandha tkun ħielsa minn restrizzjonijiet. Il-libertà akkademika għandha tkun rispettata.

Artikolu 6

Id-dritt għall-proprjetà

Il-proprjetà intellettwali għandha tkun protetta.

Artikolu 7

Nuqqas ta' diskriminazzjoni

1. Kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabiltà, età jew orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita.
2. Skond il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika tagħhom, kwalunkwe diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità għandha tkun projbita.

Artikolu 8

Diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika

L-Unjoni għandha tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwisitika.

Artikolu 9

Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tkun żgurata fl-oqsma kollha.

Artikolu 10

Id-drittijiet tat-tfal

1. It-tfal għandu jkollhom id-dritt għall-protezzjoni u l-kura li tkun meħtieġa għall-benesseri tagħhom. Huma jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberalment. Dawn l-opinjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati fuq suġġetti li jikkonċernawhom skont l-età u l-maturità tagħhom.
2. Fl-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw it-tfal, kemm jekk magħmula minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja.

Artikolu 11

Id-drittijiet tal-persuni anzjani

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni anzjani sabiex jgħixu ħajja ta' dinjità u indipendenza u biex jipparteċipaw f'ħajja soċjali u kulturali.

Artikolu 12

Integrazzjoni ta' persuni b'diżabiltà

L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt ta' persuni b'diżabiltà biex jibbenefikaw minn miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza, integrazzjoni soċjali u ta' impjieg u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja komunitarja.

Artikolu 13

Protezzjoni tal-Konsumatur

Livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur għandu jkun garantit fir-rigward tal-Internet.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-kontenut ta' dawn id-drittijiet, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, l-iskop u l-interpretazzjoni tagħhom (inkluż kwalunkwe derogi minn u limitazzjonijiet tad-drittijiet), il-livell ta' protezzjoni provdut minn dawn id-drittijiet u l-projbizzjoni fuq l-abbuż ta' dawn id-drittijiet, għandhom ikunu regolati mir-regoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem garantiti mill-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, trattati internazzjonali tad-drittjiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew minn regoli relevanti oħra tad-dritt nazzjonali, internazzjonali u Komunitarju, fil-kampijiet rispettivi ta' applikazzjoni tagħhom.

2. Dawn il-libertajiet fundamentali fuq l-Internet huma bla ħsara għal drittijiet oħra applikabbli għall-Internet, jew drittijiet applikabbli f'oqsma oħra, garantiti mill-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew minn regoli relevanti oħra tad-dritt nazzjonali, internazzjonali u Komunitarju, fil-kampijiet rispettivi ta' applikazzjoni tagħhom.

Or. en